MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 14/2000/1

Paul Said,
Martin Camilleri,
Joseph Portelli,
Joseph Grech,
Carmelo Azzopardi, u
Emanuel Muscat .

vs

Angelo Said

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni sofferti wara li hu xehet kwantita' ta' materjal fl-art maghrufa bhala "Ta' Ghajn Qasab" fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, liema materjal f'dawn l-ahhar xhur ingarr bix-xita ghal gos-sistema ta' irrigazzjoni f'art

addjacenti formanti parti mill-istess territorju “Ga’ Ghajn Qasab” appartenenti lill-Kummissarju ta’ l-Art u mikrija ghand l-atturi. Konsegwenza ta’ dan giet ikkagunata hsara kbira fl-art ta’ l-atturi.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali spedita f’Dicembru 1999 .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. Inkwantu l-atturi qeghdin jibbazaw din l-azzjoni fuq htija (Culpa Aquiliana) da parti tal-konvenut, il-konvenut m’ghandux jirrispondi ghad-danni reklamati ghaliex hu ma kellu ebda htija f’dak li gara .

2. Inkwanturi qeghidn jibbazaw it-talba taghhom fuq xi tip ta’ relazzjoni guridika, il-konvenut m’ghandu ebda relazzjoni guridika mal-atturi.

3. Fi kwalunkwe kaz l-atturi jridu jippruvaw id-danni li qeghdin jallegaw li sofrew.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal ta’ l-avukat Dottor Michael Grech ghall-atturi ta’ l-24 ta’ April 2001 fejn iddikjara li l-mertu ta’ din il-kawza kien superat in kwantu l-konvenut kien nehha l-hsara fl-ucuh ta’ l-art ta’ l-atturi .

Rat il-verbal taghha ta’ l-1 ta’ Ottubru 2002 fejn il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq il-kap ta’ l-ispejjez .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza l-atturi kienu qeghdin jitolbu d-danni minghand il-konvenut ghall-hsarat allegatament

ikkagunati lilhom minhabba li dan xi xhur qabel kien tefa’ kwantita’ ta’ terrapien fl-art tieghu, li mbaghad bil-hafna xita li kienet ghamlet f’dawk iz-zminijiet imblokka s-sistema ta’ irrigazzjoni ta’ l-ghelieqi taghhom fl-inhawi . Infatti fil-kors tas-smiegh tal-kawza huma esebew kopja ta’ ittra ufficjali li giet mibghuta lill-istess konvenut fis-7 ta’ Dicembru 1999, fejn dan gie nterpellat sabiex inehhi dan il-materjal mill-post fejn kien tefghu .

Irrizulta illi ghalkemm fil-mori tal-kawza, l-konvenut nehha dan il-materjal, huwa, permezz tal-legali tieghu baqa’ jikkontesta l-kap ta’ l-ispejjez . Ikkontenda illi l-kawza kienet saret inutilment, ghax huwa kien gia ntrabat li jnehhi l-materjal in kwistjoni minn qabel ma giet intavolata l-kawza (ara verbal ta’ Dottor Alfred Grech ta’ l-1 ta’ Ottubru 2002) .

Imma kif sewwa rrileva d-difensur ta’ l-atturi waqt l-istess udjenza, l-konvenut baqa’ ma wegibx ghall-ittra ufficjali spedita lilu fis-7 ta’ Dicembru 1999 ( a fol. 17), u lanqas ma ressaq ebda provi dwar jekk dan il-materjal kienx lahaq tnehha qabel ma saret il-kawza .

F’tali cirkostanzi l-Qorti ma jidrilhiex li l-kawza saret inutilment . Anzi jidher illi kienet proprju l-istess kawza li caqalqet lill-konvenut biex jaghmel dak mitlub mill-atturi . Lanqas jista’ jinghad illi l-atturi ghagglu biex jifthu l-kawza . Anzi stennew kwazi tliet xhur minn meta baghtulu l-ittra ufficcjali sakemm fethu l-kawza .

Ghal dawn il-motivi ma tarax ghaliex m’ghandhiex tilqa’ t-talba attrici dwar il-kap ta’ l-ispejjez u ghalhekk tiddecidi billi tikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess spejjez .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------